## Dati Ewlenin tal-Bidla għall-Euro

| **Dati** | | |
|---|---|---|
| 1 ta' Mejju 2004 | - | Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea |
| 2 ta' Mejju 2005 | - | Malta tissieħeb fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju II (ERM II). |
| 27 ta' Frar 2007 | - | Talba formali għall-eżami ta' konverġenza tal-pajjiż. |
| 16 ta' Mejju 2007 | - | Pubblikazzjoni tar-Rapporti ta' Konverġenza mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u mill–Kummissjoni Ewropea. |
| 1 ta' Lulju 2007 | - | Jibda l-obbligu li l-prezzijiet jidhru kemm fil-munita Maltija kif ukoll f'euro. |
| 10 ta' Lulju 2007 | - | L-ECOFIN jikkonferma kemm li Malta se tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2008 kif ukoll ir-rata ta' konverżjoni ffissata b'mod irrevokabblli, ta' €1 = Lm0.429300. |
| 1 ta' Diċembru 2007 | -<br>- | Bejgħ ta' *retailer kits* bil-muniti ta' l-euro u ta' karti tal-flus tal-€5 f'ammonti żgħar għal bejjiegħa bl-imnut jew negozji żgħar oħra.<br>Arrangamenti ta' "*Sub-frontloading*" għan-negozji li jkunu jeħtiegu ammonti ikbar ta' flus euro. |
| 10 ta' Diċembru 2007 | - | Bejgħ ta' *mini kits* bil-muniti ta' l-euro lill-pubbliku. |
| 1 ta' Jannar 2008 | -<br>-<br>- | Malta tadotta l-euro bħala l-munita nazzjonali u l-euro jsir valuta legali.<br>L-ATM's jibdew jagħtu l-karti tal-flus ta' l-euro.<br>Il-kontijiet bankarji f'lira Maltija jiġu kkonvertiti f'euro. |
| 1 ta' Jannar - 31 ta' Jannar 2008 | - | Jibda l-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja – Ħlas bi flus jista' jsir kemm f'liri Maltin kif ukoll f'euro. In-negozji jaċċettaw kemm il-lira Maltija kif ukoll l-euro bħala ħlas imma jagħtu bqija f'euro biss. |
| 31 ta' Jannar 2008 | - | L-aħħar jum tal-perijodu ta' ċirkolazzjoni doppja u l-lira Maltija ma tibqax valuta legali. |
| 1 ta' Jannar – 29 ta' Marzu 2008 | - | Tisrif ta' karti tal-flus u muniti tal-lira Maltija f'euro fil-banek mingħajr spejjeż għall-klijenti. |
| 1 ta' Jannar – 31 ta' Marzu 2008 | - | Il-banek jaċċettaw bla spejjeż depoziti f'lira Maltija fil-kontijiet ta' l-euro tal-klijenti. |
| 1 ta' Frar 2010 | - | L-aħħar jum biex jinbidlu l-muniti tal-lira Maltija mill-Bank Ċentrali ta' Malta. |
| 31 ta' Jannar 2018 | - | L-aħħar jum biex jinbidlu l-karti tal-flus tal-lira Maltija mill-Bank Ċentrali ta' Malta. |